MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 267/2009

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Martin Cachia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Marzu 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro 337.78 (tlett mija u sebgha u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 10666 ghal servizzi rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2008.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta' Jannar 2009 u ta mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghax legali sad-**

**data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);**

**Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-10 ta Gunju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta Ewro 337.78 (tlett mija u sebgha u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------